



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.2.2024  
C(2024) 896 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 22.2.2024**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
billi jispeċifika l-kriterji għad-deżinjazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT bħala  
kritiċi għall-entitajiet finanzjarji**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali, "DORA") ġie ppubblikat fis-27 ta' Diċembru 2022 u daħal fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2023<sup>1</sup>. Dan ir-Regolament jipprovdi qafas legali komprensiv li jindirizza diversi komponenti ewlenin tar-reżiljenza operazzjonali diġitali tal-entitajiet finanzjarji. L-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali jtejjeb it-tweġġiq kumplessiv tal-ġestjoni tar-riskji tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies), jistabbilixxi regoli tal-ittejtjar għas-sistemi tal-ICT u jżid is-sensibilizzazzjoni tas-superviżuri finanzjarji dwar ir-riskji ċibernetiċi permezz ta' skema armonizzata tal-UE għar-rapportar tal-inċidenti.

Sabiex jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi u ta' konċentrazzjoni potenzjali li għib magħha d-dipendenza tas-setturi finanzjarji fuq għadd żgħir ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT, ir-Regolament jistabbilixxi qafas ta' sorveljanza tal-UE għall-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT meqjusa kritiċi (CTPPs). Bħala Sorveljanti Ewlenin (SE), kull waħda mit-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ("ASE") se jkollha s-setgħa li twettaq monitoraġġ fuq skala pan-Ewropea tal-attività tas-CTPPs fil-kuntest tas-servizzi tal-ICT tagħhom għas-settur finanzjarju. B'mod partikolari, id-DORA jafda lill-ASE b'kompetenza esklużiva biex jiddeżinjaw fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT bħala kritiċi. Ir-Regolament jagħti wkoll lis-SE sett ta' kompiti u setgħa biex jissorveljaw l-attività tas-CTPPs.

L-Artikolu 31(6) tad-DORA jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta att delegat biex tispeċifika ulterjorment il-kriterji għad-deżinjazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT bħala kritiċi. B'mod aktar speċifiku, il-kriterji ta' deżinjazzjoni jridu jiġu speċifikati ulterjorment fir-rigward ta' dan li ġej:

- (i) l-impatt sistemiku li ħsara jew qtugħ operattiv ta' fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jista' jkollu fuq l-entitajiet finanzjarji li lilhom jipprovdi servizzi tal-ICT;
- (ii) il-karattru sistemiku jew l-importanza billi jitqies l-għadd ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs) jew istituzzjonijiet oħra sistemikament importanti (O-SIIs) li jiddependu fuq il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT;
- (iii) il-kritikalità jew l-importanza tal-funzjonijiet appoġġati mis-servizzi tal-ICT ipprovduti mill-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT; u
- (iv) il-grad ta' sostitwibbiltà tal-fornitur terz tal-ICT billi jitqies l-għadd ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT attivi f'suq partikolari, kif ukoll il-kostijiet tal-migrazzjoni tad-*data* u t-tagħbijiet ta' xogħol tal-ICT għal fornituri terzi oħra ta' servizzi tal-ICT.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

#### **Aspetti proċedurali**

Fil-21 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni talbet lill-ASE għal "parir tekniku" dwar att delegat tal-Kummissjoni li jispeċifika ulterjorment il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati

---

<sup>1</sup> ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1–79

mill-ASE meta jivvalutaw in-natura kritika tal-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT, u dwar id-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi u l-mod kif dawn iridu jitħallsu mis-CTPPs.

L-ASE wettqu konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta' parir tekniku tagħhom mis-26 ta' Mejju sat-23 ta' Ġunju 2023<sup>2</sup>. B'kollox, l-ASE rċevew 41 tweġiba għad-dokument ta' konsultazzjoni. L-ASE bagħtu l-parir tekniku tagħhom lill-Kummissjoni fid-29 ta' Settembru 2023.

Fid-29 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta' Esperti dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni (EGBPI) fir-rigward tal-kontenut ta' dan l-att delegat. Il-Grupp appoġġa l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tal-att delegat dwar il-kriterji għad-deżinjazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT bħala kritiċi; esperti minn ffit Stati Membri biss ipprovdew kummenti dwar il-kontenut tal-att delegat. Ir-rappreżentanti fil-grupp taw parir b'mod partikolari li tinżamm lealtà, sa fejn ikun possibbli, għall-formulazzjoni użata mill-ASE fil-parir tekniku tagħhom.

### **L-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati**

Bħala riżultat tal-konsultazzjonijiet imsemmija hawn fuq, kif ukoll tal-kontribuzzjonijiet *ad hoc*, il-Kummissjoni rċeviet firxa wiesgħa ta' fehmiet dwar il-kontenut tal-att delegat. Dawn il-fehmiet huma prinċipalment relatati mal-approċċ f'żewġ stadji propost mill-ASE u mad-diversi subkriterji taħt kull kriterju ta' kritikalità: l-impatt fuq il-forniment tas-servizzi finanzjarji, l-importanza tal-entitajiet finanzjarji, il-funzjonijiet kritiċi jew importanti u l-grad ta' sostitwibbiltà.

#### *L-approċċ f'żewġ stadji u xi rimarki ġenerali*

Diversi partijiet ikkonċernati esprimew appoġġ ġenerali dwar l-approċċ propost f'żewġ stadji mill-ASE. Xi risponenti ssuġġerew li l-kriterji jenħteġ li japplikaw b'mod kumulattiv għad-deżinjazzjoni, filwaqt li oħrajn ipproponew li l-kriterji japplikaw b'mod sekwenzjali flimkien ma' applikazzjoni kif suppost ta' kull kriterju matul il-proċess ta' valutazzjoni. Fil-konsultazzjoni pubblika, il-partijiet ikkonċernati appellaw ukoll għal kjarifika jew gwida ulterjuri dwar id-definizzjoni ta' "servizzi tal-ICT" u ssuġġerew l-iżvilupp ta' tassonomija f'dan ir-rigward.

Kien hemm appoġġ mifruq mill-partijiet ikkonċernati biex issir aktar enfasi fuq is-servizzi tal-ICT li jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji għad-diversi subkriterji, u biex is-subkriterji jinżammu sempliċi mingħajr sovrapożizzjonijiet.

F'termini taż-żmien minimu tar-rotazzjoni (id-durata taċ-ċiklu tal-ħajja) fil-lista tas-CTPP, il-partijiet ikkonċernati esprimew appoġġ għall-għan li tiġi żgurata lista ta' CTPPs deżinjati li tkun stabbli maż-żmien sabiex l-effetti tal-limitu jkunu mmaniġġjati.

#### *L-impatt fuq il-forniment tas-servizzi finanzjarji*

Fit-tweġibiet tagħhom għall-konsultazzjoni pubblika mill-ASE, diversi risponenti qiesu l-limiti proposti bħala pjuttost baxxi (eż. 10%), li jirriżulta f'għadd kbir ta' CTPPs. Risponenti oħra pproponew approċċ gradwali għall-applikazzjoni tal-limiti indikattivi, li bih dawn ikunu inizjalment f'livell ogħla biex jippermettu s-sorveljanza tal-akbar CTPPs, u sussegwentement, jiġi kkunsidrat l-użu ta' limiti aktar baxxi.

---

<sup>2</sup> [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2023-09/Joint-ESAs\\_response\\_to\\_the\\_Call\\_for\\_advice\\_on\\_the\\_designation\\_criteria\\_and\\_fees\\_for\\_the\\_DORA\\_oversight\\_framework\\_final.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2023-09/Joint-ESAs_response_to_the_Call_for_advice_on_the_designation_criteria_and_fees_for_the_DORA_oversight_framework_final.pdf).

Il-partijiet ikkonċernati nnutaw ukoll li l-parametru fuq l-għadd totali ta' entitajiet finanzjarji jenħtiegħ li ma titqiesx b'mod iżolat u jistgħu jitqiesu aktar aspetti bħat-totali tal-karta tal-bilanċ, il-penetrazzjoni tas-suq, il-volum tal-klijenti jew kriterji kummerċjali simili. Barra minn hekk, xi risponenti qajmu tħassib dwar l-applikazzjoni tal-“assi totali” bħala parametru uniformi għall-valutazzjoni tal-UE, u ssuġġerew lna parametri alternattivi oħra, bħall-assi mmaniġġjati, il-primjums grossi miktubin, eċċ.

#### *L-importanza tal-entitajiet finanzjarji*

Ir-risponenti għall-konsultazzjoni pubblika mill-ASE ssuġġerew li filwaqt li s-subkriterji proposti jirreferu għall-entitajiet finanzjarji li jużaw b'mod attiv is-servizzi tal-ICT ipprovduti mit-TPP tal-ICT, mhuwa xejn evidenti kif jiġi definit jew imkejje l-użu.

Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw ukoll li l-listi ta' G-SIIs u O-SIIs jirreferu għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, u għalhekk tipi oħra ta' entitajiet finanzjarji huma esklużi. Diversi risponenti appellaw għal regoli aktar evidenti dwar id-deżinjazzjoni ta' entità finanzjarja bħala “sistemika” mill-awtoritajiet kompetenti, peress li dan iħalli wisq diskrezzjoni f'idejn l-awtoritajiet kompetenti u jaf joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi fis-suq tal-UE.

Fir-rigward tas-subkriterji dwar il-grad ta' interdipendenza teknoloġika, diversi partijiet ikkonċernati nnutaw li huwa diffiċli ħafna u kkumplikat li tinkiseb *data* konkreta u rappreżentattiva biex jitkejjel dan is-subkriterju fis-settur finanzjarju tal-UE.

#### *Funzjonijiet kritiċi jew importanti*

Kien hemm qbil mifrux mal-approċċ propost biex issir enfasi fuq is-servizzi tal-ICT li jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji, u l-partijiet ikkonċernati qablu li jagħmlu aktar enfasi fuq dan taħt il-valutazzjoni tal-istadju 1. Ħafna mir-risponenti ssuġġerew li jiġi definit it-terminu “tassonomija tas-servizzi tal-ICT” u t-terminu “livell ta' kritikalità” billi tiġi sfruttata l-ħidma eżistenti jew li tinsab għaddejja minn regolaturi/korpi li jistabbilixxu l-istandards differenti. Risponenti oħra kienu aktar kawti dwar it-twaqqif ta' “tassonomija tas-servizzi tal-ICT”, peress li servizz jista' jkun kritiku, jew reġjun jista' jkun kritiku għal entità finanzjarja partikolari, skont kif jiġi implimentat l-użu ta' dak is-servizz jew reġjun, iżda mhux kritiku għal entitajiet finanzjarji oħra.

Il-partijiet ikkonċernati rriżultalhom ukoll li l-limiti proposti (pereż. 10 %) huma kkunsidrati baxxi wisq u talbu aktar ċarezza dwar x'jikkostitwixxi “funzjonijiet kritiċi jew importanti”. Xi wħud saħansitra rakkomandaw li tintuża lista predeterminata ta' funzjonijiet kritiċi jew li titwettag il-valutazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi wara analiżi tal-impatt fuq in-negozju u approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

#### *Grad ta' sostitwibbiltà*

Diversi risponenti għall-konsultazzjoni pubblika mill-ASE qablu mas-subkriterji proposti iżda nnutaw il-livell għoli ta' kumplessità tagħhom. Xi risponenti pproponew li l-grad ta' sostitwibbiltà jista' jitkejjel permezz tal-konċentrazzjoni tas-suq u l-portabbiltà tad-*data*. Huma ssuġġerew li l-konċentrazzjoni tista' tiġi vvalutata billi jitqies is-sehem mis-suq ta' TPP tal-ICT f'suq, filwaqt li l-portabbiltà tista' titqies bħala kritika jekk il-migrazzjoni tkun impossibbli jew inkella tkun teħtiegħ żmien sostanzjali (pereż. aktar minn 12-il xahar) u kostijiet sinifikanti biex isseħħ il-qalba għal TPP tal-ICT alternattiv (pereż. 5 % jew aktar tal-baġit totali tal-IT ta' entità finanzjarja).

Diversi risponenti appoġġaw is-subkriterju dwar is-sehem mis-suq tat-TPPs tal-ICT li direttament jew indirettament jipprovdu servizzi tal-ICT lill-entitajiet finanzjarji. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati esprimew l-oġġezzjoni tagħhom, peress li jqisu li l-ġbir ta' *data* komparabbli u rappreżentattiva għal dan is-subkriterju huwa kumpless u ingombranti immens

(pereż. il-fornituri joffru firxa wiesgħa ta' servizzi u għalhekk jista' jkollhom sehem sinifikanti mis-suq f'qasam wieħed, filwaqt li fornituri oħra jistgħu joffru servizz speċifiku wieħed biss u jkunu dominanti ħafna f'dan il-qasam speċifiku).

L-att delegat kien soġġett ukoll għal perjodu ta' erba' ġimgħat għar-rispons fuq il-portal "Semma' Leħnek" mis-16 ta' Novembru 2023 sal-14 ta' Diċembru 2023, f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar. Waslu 20 kontribuzzjoni. B'mod partikolari, xi negozji u l-assoċjazzjonijiet tagħhom issuġġerew li l-kriterji tal-kritikalità jistgħu jkunu baxxi wisq u mhux immirati daqstant għad-daqs u n-natura tal-fornitur ta' servizzi tal-ICT u pproponew li jiġu applikati b'mod aktar ristrett; negozji oħra esprimew it-ħassib li l-approċċ tal-istadju 2 kien usa' f'termini ta' valutazzjoni mill-approċċ tal-istadju 1, u kollox ma' kollox ħafna negozji talbu li r-rekwiżiti proċedurali jiddaħħlu b'mod espliċitu fl-att, bħar-rekwiżiti biex jiġu mmotivati d-deċiżjonijiet, biex id-*data* riċevuta minn fornituri terzi tinżamm kunfidenzjali, eċċ.

Il-Kummissjoni qieset b'mod sħiħ ir-rispons kollu li rċeviet, inkluż il-parir tekniku pprovdut mill-ASE, it-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika li saret mill-ASE, ir-rispons li wasal mingħand l-EGBPI, kif ukoll l-input kollu pprovdut lill-Kummissjoni mill-partijiet ikkonċernati. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qiegħda tadotta skont l-Artikolu 31(6) tad-DORA, dan l-att delegat li jispeċifika ulterjorment il-kriterji għad-deżinjazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT bħala kritiċi. L-att delegat huwa konformi mal-parir tekniku riċevut mill-ASE.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 1 jispeċifika l-approċċ ta' valutazzjoni li jrid jintuża mill-ASE meta jiġu applikati d-diversi subkriterji.

L-Artikolu 2 jispeċifika s-subkriterji u l-formuli u l-limiti rispettivi tagħhom għall-kriterju li jivvaluta l-impatt sistemiku tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT, fir-rigward taż-żewġ stadji identifikati.

L-Artikolu 3 jispeċifika s-subkriterji u l-formuli u l-limiti rispettivi tagħhom għall-kriterju li jivvaluta l-karattru sistemiku u l-importanza tas-servizzi tal-ICT ipprovduti lill-entitajiet finanzjarji, fir-rigward taż-żewġ stadji identifikati.

L-Artikolu 4 jispeċifika s-subkriterji u l-formuli u l-limiti rispettivi tagħhom għall-kriterju li jivvaluta l-kritikalità jew l-importanza tal-funzjonijiet, fir-rigward tat-tieni stadju identifikat.

L-Artikolu 5 jispeċifika s-subkriterji u l-formuli u l-limiti rispettivi tagħhom għall-kriterju li jivvaluta l-grad ta' sostitwibbiltà, fir-rigward taż-żewġ stadji identifikati.

L-Artikolu 6 jispeċifika s-sorsi tal-informazzjoni li jridu jintużaw mill-ASE biex jippermettu l-valutazzjoni tal-kritikalità.

L-Artikolu 7 jispeċifika d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan l-att.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 22.2.2024

## **li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kriterji għad-deżinjazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT bħala kritiċi għall-entitajiet finanzjarji**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi vvalutat jekk fornitur terz ta' servizzi tal-ICT huwiex kritiku għall-entitajiet finanzjarji, u filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2022/2554, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jenħtieġ li jużaw subkriterji f'valutazzjoni tal-approċċ f'żewġ stadji. Meta jitqies l-għadd importanti ta' servizzi tal-ICT u d-diversità u l-għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jużaw dawn is-servizzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ f'żewġ stadji ta' dan it-tip, biex tiġi ffiltrata l-popolazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT u jiġu identifikati l-aktar fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT. Is-subkriterji kwantitattivi li jridu jitqiesu bħala parti mill-ewwel stadju tal-valutazzjoni huma meħtieġa biex titwettaq l-ewwel għażla tal-popolazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT li għalihom huwa rilevanti li titwettaq analiżi fil-fond ulterjuri fid-dawl tas-subkriterji kwalitattivi li jridu jitqiesu bħala parti mit-tieni stadju tal-valutazzjoni.
- (2) Il-punt sa fejn servizz tal-ICT ipprovdut minn fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jappoġġa funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entità finanzjarja jitqies bħala element kruċjali tal-valutazzjoni tal-kritikalità b'mod ġenerali. Għalhekk, l-importanza tal-attivitajiet tal-entitajiet finanzjarji li huma appoġġati mis-servizzi tal-ICT jenħtieġ li tiġi integrata fis-subkriterji kollha meqjusa bħala parti mill-ewwel stadju. Konsegwentement, jenħtieġ li ma jkunx hemm valutazzjoni kwantitattiva distinta relatata mal-kritikalità tal-funzjonijiet tal-entitajiet finanzjarji bħala parti mill-ewwel stadju tal-valutazzjoni. Minflok, huwa xieraq li l-ASE jqisu l-kritikalità u l-importanza tal-funzjonijiet tal-entitajiet finanzjarji appoġġati mis-servizzi tal-ICT bħala parti mit-tieni stadju kwalitattiv tal-valutazzjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-valutazzjoni titwettaq għal kull fornitur terz individwali ta' servizzi tal-ICT jew, fejn applikabbli, għal kull grupp ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT f'każ li l-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jappartjeni għal grupp skont l-Artikolu 31(3) tar-

<sup>3</sup> ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj>.

Regolament (UE) 2022/2554. Sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva tal-impatt sistemiku potenzjali fuq is-settur finanzjarju tal-Unjoni, is-subkuntratturi tal-ICT tal-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għall-valutazzjoni mill-ASE, u fejn applikabbli, iddeżinjati bħala fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT.

- (4) Sabiex jiġi ddeterminat l-impatt sistemiku tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fuq l-istabbiltà, il-kontinwità jew il-kwalità tal-forniment tas-servizzi finanzjarji, huwa ta' importanza kbira li tiġi żviluppata stampa ċara dwar il-portata u n-natura tal-impatt sistemiku li ħsara operattiva fuq skala kbira ta' fornitur terz ta' servizzi tal-ICT ikollha fuq l-entitajiet finanzjarji, li jiddependu fuq is-servizzi pprovduti minn fornitur terz ta' servizzi tal-ICT, u fuq is-sistema finanzjarja. Għalhekk, huwa xieraq li jitqies l-għadd ta' entitajiet finanzjarji ta' kategorija speċifika ta' entitajiet finanzjarji li jużaw l-istess servizzi tal-ICT, kif ukoll il-valur tal-assi tagħhom biex jiġi vvalutat jekk huwiex rilevanti li l-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT li joffri dawk is-servizzi tal-ICT jitqies bħala kritiku. Barra minn hekk, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni kwalitattiva tal-interkonnnettività u l-importanza sistemika tal-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT, kif ukoll l-importanza tas-servizzi pprovduti minn fornitur terz tal-ICT fuq il-forniment ta' servizzi finanzjarji mill-entitajiet finanzjarji filwaqt li jitqiesu l-istabbiltà u l-kontinwità tas-servizzi biex jiġi ddeterminat l-impatt sistemiku tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fuq l-attivitajiet tal-entitajiet finanzjarji.
- (5) Sabiex jiġu ddeterminati l-karattru sistemiku u l-importanza tal-entitajiet finanzjarji li jiddependu fuq is-servizzi tal-ICT, jeħtieġ li titqies in-natura ta' dawn l-entitajiet finanzjarji. Meta l-entitajiet finanzjarji li huma kklassifikati bħala G-SIIs u O-SIIs jew li huma identifikati bħala "sistemiċi" jiddependu fuq l-istess servizzi tal-ICT biex jappoġġaw il-funzjonijiet kritiċi jew importanti tagħhom, ikun xieraq li jiġi vvalutat jekk il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT li jipprovdidi dawn is-servizzi jenħtieġ li jitqies bħala kritiku għas-settur finanzjarju tal-Unjoni. L-interkonnnettività bejn l-entitajiet finanzjarji fis-settur finanzjarju tal-Unjoni li jiddependu fuq servizzi tal-ICT ipprovduti mill-istess fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jenħtieġ li tiġi vvalutata wkoll biex tiġi ddeterminata d-dipendenza tal-entitajiet finanzjarji fuq dak il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT.
- (6) Jenħtieġ li s-servizzi tal-ICT li jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji jiġu vvalutati fir-rigward tat-tip tagħhom u n-natura kritika tagħhom għal dawn l-entitajiet, li għandhom bżonnhom sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom mingħajr ebda tfixkil.
- (7) Sabiex jiġi ddeterminat il-grad ta' sostitwibbiltà tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT, jeħtieġ li jitqies l-għadd ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT attivi f'suq partikolari, l-eżistenza ta' soluzzjonijiet alternattivi għall-istess servizz tal-ICT, kif ukoll il-kostijiet tal-migrazzjoni tad-*data* u t-tagħbijiet ta' xogħol tal-ICT għal fornituri terzi oħra ta' servizzi tal-ICT bħala parti mill-valutazzjoni li trid titwettaq mill-ASE.
- (8) Sabiex tiġi żgurata s-solidità tal-proċess ta' valutazzjoni, huwa importanti li l-ASE jiddependu fuq id-*data* mir-reġistri ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) 2022/2554, u kwalunkwe informazzjoni oħra faċilment disponibbli, meta jivvalutaw jekk jenħtieġ li l-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT jiġu ddeżinjati bħala kritiċi.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
*Approċċ tal-valutazzjoni*

1. Meta jikkunsidraw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2022/2554 biex jiddeżinjaw fornitur terz ta' servizzi tal-ICT li jkun kritiku għall-entitajiet finanzjarji, l-ASE għandhom japplikaw l-approċċ li ġejj:

  - (a) bħala l-ewwel stadju, l-ASE għandhom jivvalutaw jekk il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jissodisfax is-subkriterji kollha tal-“istadju 1” stabbiliti fl-Artikolu 2(1), 3(1) u 5(1);
  - (b) bħala t-tieni stadju, għal dawk il-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT li jissodisfaw is-subkriterji kollha tal-“istadju 1” imsemmija fil-punt (a), l-ASE għandhom iwettqu l-valutazzjoni tagħhom fid-dawl tas-subkriterji tal-“istadju 2” imsemmija fl-Artikoli 2(5), 3(4), 4(1) u 5(5).

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, għall-valutazzjoni tal-kriterju (c) tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2022/2554, l-ewwel stadju għandu jkun kopert mill-valutazzjoni li trid titwettaq għall-kriterji (a), (b) u (d) tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2022/2554.

2. Wara tmiem il-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni motivata msemmija fl-Artikolu 31(5), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2022/2554, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt u fuq rakkomandazzjoni mill-Forum ta' Sorveljanza, għandhom jiddeżinjaw fornitur terz ta' servizzi tal-ICT bħala kritiku għall-entitajiet finanzjarji jekk jissodisfa s-subkriterji kollha tal-“istadju 1” imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), u wara eżitu pożittiv tal-valutazzjoni mwettqa fir-rigward tas-subkriterji tal-“istadju 2” imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b).

*Artikolu 2*

*L-impatt sistemiku tal-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT fuq l-istabbiltà, il-kontinwità jew il-kwalità tal-forniment tas-servizzi finanzjarji*

1. Meta jikkunsidraw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2022/2554, l-ASE għandhom jivvalutaw jekk il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jissodisfax is-subkriterji tal-“istadju 1” li ġejjin:
  - (a) Is-subkriterju 1.1: is-sehem tal-għadd ta' entitajiet finanzjarji, diżaggregat skont il-kategoriji tal-entitajiet finanzjarji kif elenkati fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554, li lilhom jiġu pprovduti servizzi tal-ICT mill-istess fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fil-każijiet li fihom is-servizzi tal-ICT jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti;
  - (b) Is-subkriterju 1.2: is-sehem tal-valur totali tal-assi tal-entitajiet finanzjarji, diżaggregat skont il-kategoriji tal-entitajiet finanzjarji kif elenkati fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554, li lilhom jiġu pprovduti servizzi tal-ICT mill-istess fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fil-każijiet li fihom is-servizzi tal-ICT jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji.
2. Is-subkriterju 1.1 stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jiġi kkalkolat kif ġejj:

l għadd ta' entitajiet finanzjarji ta' kategorija ta' entitajiet finanzjarji  
kif stabbiliti fl Artikolu 2(1) tar Regolament (UE)2022/2554,  
li lilhom jiġu pprovduti servizzi tal ICT mill istess fornitur terz ta' servizzi tal ICT  
fil każijiet li fihom is servizzi tal ICT jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti ta'  
entitajiet finanzjarji

---

l għadd totali ta' entitajiet finanzjarji ta' kategorija ta' entitajiet finanzjarji  
kif stabbiliti fl Artikolu 2(1) tar Regolament 2022/2554

3. Is-subkriterju 1.2 stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jiġi kkalkolat kif ġej:  
il valur totali tal assi ta' kategorija ta' entitajiet finanzjarji  
kif elenkati fl Artikolu 2(1)tar Regolament (UE)2022/2554,  
li lilhom jiġu pprovduti servizzi tal ICT mill istess fornitur terz ta' servizzi tal ICT  
fil każijiet li fihom is servizzi tal ICT jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti ta'  
entitajiet finanzjarji

---

il valur totali tal assi tal entitajiet finanzjarji kollha tal UE tal istess kategorija  
kif stabbiliti fl Artikolu 2(1) tar Regolament (UE) 2022/2554

4. Fornitur terz ta' servizzi tal-ICT għandu jitqies li jkun issodisfa s-subkriterji tal-  
"istadju 1" imsemmija fil-paragrafu 1 meta ż-żewġ ishma kif ikkalkolati  
f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 jkunu ta' mill-inqas 10 % tal-għadd totali għal mill-  
inqas kategorija waħda ta' entitajiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-  
Regolament (UE) 2022/2554.
5. Meta jikkunsidraw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (a), tar-Regolament  
(UE) 2022/2554 u fil-każijiet li fihom il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jissodisfa s-  
subkriterji tal-"istadju 1" imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ASE  
għandhom iwettqu l-valutazzjoni tagħhom fid-dawl tas-subkriterji tal-"istadju 2" li  
ġejjin:
- (a) Is-subkriterju 1.3: l-intensità tal-impatt tad-diskontinwità tas-servizzi tal-ICT  
ipprovduti mill-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fuq l-attivitajiet u l-  
operazzjonijiet tal-entitajiet finanzjarji identifikati fis-subkriterji tal-"istadju 1"  
imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-għadd ta' dawn l-entitajiet  
finanzjarji affettwati;
- (b) Is-subkriterju 1.4: id-dipendenza tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT fuq  
l-istess subkuntratturi li jipprovdu servizzi tal-ICT li jappoġġaw funzjonijiet  
kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji.

### *Artikolu 3*

*Il-karattru sistemiku u l-importanza tas-servizzi tal-ICT ipprovduti lill-entitajiet finanzjarji*

1. Meta jikkunsidraw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (b), tar-Regolament  
(UE) 2022/2554, l-ASE għandhom jivvalutaw jekk il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT  
jissodisfax is-subkriterji tal-"istadju 1" li ġejjin:
- (a) Is-subkriterju 2.1: l-għadd ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti  
(G-SIIs) u istituzzjonijiet sistemikament importanti oħra (O-SIIs) li huma  
istituzzjonijiet ta' kreditu li lilhom jiġu pprovduti servizzi tal-ICT mill-istess  
fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fil-każijiet li fihom is-servizzi tal-ICT  
jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti;

- (b) Is-subkriterju 2.2: l-għadd ta' entitajiet finanzjarji, għajr l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-G-SIIs u l-O-SIIs imsemmija fil-punt (a) hawn fuq, identifikati bħala sistemiċi mill-awtoritajiet kompetenti msemmija taħt l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2022/2554, li lilhom jiġu pprovduti servizzi tal-ICT mill-istess fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fil-każijiet li fihom is-servizzi tal-ICT jappoġġaw funzjonijiet kritiċi jew importanti.
2. Fornitur terz ta' servizzi tal-ICT għandu jitqies li jkun issodisfa s-subkriterju stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), jekk is-servizzi tal-ICT li jipprovdi jintużaw minn tal-inqas minn wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) G-SII waħda;
- (b) minn tal-inqas tliet O-SIIs;
- (c) minn tal-inqas O-SII waħda b'punteġġ O-SII ta' aktar minn 3 000 ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 131(3) tad-Direttiva 2013/36/UE<sup>4</sup>.
3. Fornitur terz ta' servizzi tal-ICT għandu jitqies li jkun issodisfa s-subkriterju stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (b), jekk is-servizzi tal-ICT li jipprovdi jintużaw minn tal-inqas minn wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) entità finanzjarja waħda li tkun entità finanzjarja kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punti (g), (h), (i) jew (j) tar-Regolament (UE) 2022/2254 u li hija identifikata bħala "sistemika" mill-awtoritajiet kompetenti;
- (b) minn tal-inqas tliet entitajiet finanzjarji, għajr istituzzjonijiet ta' kreditu u għajr l-entitajiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punti (g), (h), (i) jew (j) tar-Regolament (UE) 2022/2254 u li huma identifikati bħala "sistemiċi" mill-awtoritajiet kompetenti.
4. Meta jikkunsidraw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2022/2554 u fil-każijiet li fihom il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jissodisfa s-subkriterji tal-"istadju 1" imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ASE għandhom iwettqu l-valutazzjoni tagħhom fid-dawl tas-subkriterju tal-"istadju 2" li ġej:
- Is-subkriterju 2.3: il-G-SIIs jew l-O-SIIs u entitajiet finanzjarji oħra inklużi fil-valutazzjoni fis-subkriterji tal-"istadju 1" imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż meta l-G-SIIs jew l-O-SIIs li jipprovdu servizzi ta' infrastruttura finanzjarja lil entitajiet finanzjarji oħra, li jiddependu fuq servizz tal-ICT ipprovdut mill-istess fornitur terz ta' servizzi tal-ICT, ikunu interdipendenti.

#### *Artikolu 4*

##### *Il-kritikalità jew l-importanza tal-funzjonijiet*

1. Meta jikkunsidraw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2022/2554, l-ASE għandhom iwettqu l-valutazzjoni tagħhom fid-dawl tas-subkriterju tal-"istadju 2" li ġej:

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj>).

- Is-subkriterju 3.1: is-servizz tal-ICT ipprovdut fl-aħħar mill-aħħar mill-istess fornitur terz ta' servizzi tal-ICT li jappoġġa funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji jkun ta' natura kritika għall-attivitajiet tal-entitajiet finanzjarji.

*Artikolu 5*  
*Grad ta' sostitwibbiltà*

1. Meta jikkunsidraw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2022/2554, l-ASE għandhom jivvalutaw jekk il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jissodisfax is-subkriterji tal-“istadju 1” li ġejjin:
  - (a) Is-subkriterju 4.1: is-sehem tal-għadd totali ta' entitajiet finanzjarji, diżaggregat skont il-kategoriji tal-entitajiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554, li għalihom ma jkun hemm disponibbli l-ebda fornitur terz ta' servizzi tal-ICT alternattiv li jkollu l-kapaċità meħtieġa biex jipprovdni l-istess servizzi tal-ICT li jappoġġaw il-funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji bħal dawk ipprovduti mill-fornitur terz rilevanti ta' servizzi tal-ICT;
  - (b) Is-subkriterju 4.2: is-sehem tal-għadd totali ta' entitajiet finanzjarji, diżaggregat skont il-kategoriji tal-entitajiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554, li għalihom huwa diffiċli ferm li servizz tal-ICT ipprovdut mill-fornitur terz rilevanti ta' servizzi tal-ICT li jappoġġa funzjonijiet kritiċi jew importanti tal-entitajiet finanzjarji ssirli migrazzjoni lejn fornitur terz ieħor ta' servizzi tal-ICT.
2. Is-subkriterju 4.1 stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jiġi kkalkolat kif ġejj:

l għadd ta' entitajiet finanzjarji ta' kategorija ta' entitajiet finanzjarji kif stabbiliti  
fl Artikolu 2(1)tar Regolament (UE) 2022/2554,  
li għalihom ma jkun hemm disponibbli l ebda fornitur terz ta' servizzi tal ICT alternattiv  
li jkollu l kapaċità meħtieġa biex jipprovdni l istess servizzi tal ICT  
li jappoġġaw il funzjonijiet kritiċi jew importanti tal entitajiet finanzjarji  
bħal dawk ipprovduti mill fornitur terz rilevanti ta' servizzi tal ICT

---

l għadd totali ta' entitajiet finanzjarji ta' dik il kategorija ta' entitajiet finanzjarji  
kif stabbiliti fl Artikolu 2(1) tar Regolament 2022/2554
3. Is-subkriterju stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jiġi kkalkolat kif ġejj:

l għadd ta' entitajiet finanzjarji ta' kategorija ta' entitajiet finanzjarji kif stabbiliti  
fl Artikolu 2(1)tar Regolament (UE) 2022/2554,  
li għalihom huwa diffiċli ferm li servizz tal ICT ipprovdut mill fornitur terz rilevanti ta'  
servizzi tal ICT li jappoġġa funzjonijiet kritiċi jew importanti  
ssirli migrazzjoni lejn fornitur terz ieħor ta' servizzi tal ICT jew jiġi integrat mill ġdid fih

---

l għadd totali ta' entitajiet finanzjarji tal UE ta' dik il kategorija ta' entitajiet finanzjarji  
kif stabbiliti fl Artikolu 2(1) tar Regolament (UE) 2022/2554
4. Fornitur terz ta' servizzi tal-ICT għandu jitqies li jkun issodisfa kemm is-subkriterju 4.1 kif ukoll is-subkriterju 4.2 meta jiġi ssodisfat wieħed minn dawn li ġejjin:
  - (a) is-sehem tal-għadd totali ta' entitajiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ikun ta' minn tal-inqas 10 % tal-għadd totali tal-entitajiet finanzjarji

għal kategorija ta' entitajiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554;

- (b) is-sehem tal-għadd totali ta' entitajiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikun ta' minn tal-inqas 10 % tal-għadd totali tal-entitajiet finanzjarji jew kategorija ta' entitajiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554.
5. Meta jikkunsidraw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2022/2554 u fil-każijiet li fihom il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jissodisfa s-subkriterji tal-“istadju 1” imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ASE għandhom iwettqu l-valutazzjoni tagħhom fid-dawl tas-subkriterju tal-“istadju 2” speċifikat fl-Artikolu 31(2), il-punt (d)(i) tar-Regolament (UE) 2022/2554.

#### *Artikolu 6*

##### *Sorsi ta' informazzjoni li jippermettu l-valutazzjoni tal-kritikalità*

1. L-ASE għandhom jużaw id-*data* pprovduta mir-reġistri ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) 2022/2554, għall-valutazzjoni tas-subkriterji elenkati fl-Artikoli 2 sa 5. L-ASE jistgħu jużaw ukoll *data* disponibbli addizzjonali li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mis-sorsi kollha ta' informazzjoni biex iwettqu l-valutazzjoni tal-kritikalità.
2. L-ASE għandhom iqisu l-aktar *data* reċenti disponibbli għalihom matul is-sena ta' valutazzjoni, jew meta applikabbli, id-*data* li tkun saret disponibbli għalihom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel il-valutazzjoni tal-kritikalità.

#### *Artikolu 7*

##### *Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, is-Sorveljant Ewlieni għandu japplika s-subkriterju 1.4 msemmi fl-Artikolu 2, il-paragrafu 5, il-punt (b) minn (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data: 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament DORA).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22.2.2024

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*